MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 218/1991/2

**Mario Xuereb**

**vs**

**Joseph Borg**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Marzu 1991 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fit-12 ta' Mejju 1990 f'Gnien Borg f'San Martin limiti ta' San Pawl il-Bahar l-attur sofra danni f'ghajnejh meta gie milqut minn arma tan-nar;

Illi dan l-incident gara b'tort, negligenza w imperizja da parti tal-konvenut minhabba li laqtu f'ghajnejh meta spara s-senter;

Illi b-konsegwenza ta’ dan huwa sofra danni oltre disabilita` permanenti f’ghajnejh;
Illi l-attur interpella l-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni minnu sofferti pero’ dan baqa’ indadempjenti;

Talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara w tiddeciedi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-hsarat kagunati fl-incident tat-12 ta’ Mejju, 1990 f’Gnien Borg f’San Martin limiti ta’ San Pawl il-Bahar meta l-attur intlaqat minn tir ta’ arma tan-nar f’ghajnejh u b’hekk sofra disabilita permanenti;

2. Tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, d-danni li l-attur sofra b’konsegwenza ta’ dana l-incident;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawk id-danni hekk likwidati fl-incident fuq imsemmi oltre l-imghax legali

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Settembru, 1990 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi hu qatt ma kien involut f’incident ta’ natura simili ghal dak allegat mill-attur fic-citazzjoni tieghu.

2. Illi jekk sehh tali incident, dan zgur ma garax b’tort, b’negligenza u b’imperizja da parti tal-konvenut, stante li dan ma laqat lil hadd f’ghajnejh b’tir ta’ senter.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Ottubru 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala

perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-27 ta' Awissu 1994 li permezz tieghu gie nominat Dottor Mario Tabone bhala espert mediku biex jassisti lill-perit legali;

Rat id-digriet tad-29 ta' Settembru 1998 li permezz tieghu ghall-imsemmi espert mediku gie sostitwit Dr. Jeffrey Zarb Adami;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Gunju 1999 li permezz tieghu ghall-imsemmi espert mediku gie sostitwit Dr. Franco Mercieca;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali kif assistit mill-espert mediku u debitament mahluf fit-23 ta' Ottubru 2001;

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenut ghar-relazzjoni peritali;l

Rat in-nota responsiva ta' l-attur;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident li sehh fit-12 ta' Mejju 1990 f' San Martin fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar fejn l-attur safa milqut f'ghajnejh minn tir ta' arma tan-nar (senter) u konsegwenza ta' l-istess sofra dizabilita` permanenti f'ghajnejh. Filwaqt li l-attur isostni li kien il-konvenut li spara t-tir li laqtu, il-konvenut jinnega li seta' kien hu u dan baqa' jsostnieh anke waqt l-access li din il-Qorti kif presjeduta zammet fuq il-post fejn gara l-incident.

Jirrizulta mill-provi li fil-gurnata in kwistjoni l-attur kien qieghed ghall-kacca flimkien maz-ziju tieghu Martin Grima. Dwar l-incident ighid hekk:

"Konna fix-xaghri sejrin lejn id-dar. Mort bil-pass fid-direzzjoni ta' Ghajn Tuffieha. Hin minnhom smajt zewg tiri,

pero` sfajt milqut f'ghajnejja l-leminija mill-ewwel tir. Intlaqatt mil-lemin tieghi, comba wahda dahlet f'gajnejja pero` laqatni comb iehor f'wicci. Qabel ma ntlaqatt ma rajtx kaccaturi ohra hlief lill-konvenut u iehor li kien mieghu. Kellhom senter kull wiehed. Rajt tajra li ghaddiet minn fuq il-hajt xi ghoxrin pied boghod minni fuq il-lemin tieghi. Kif ghaddiet it-tajra gew sparati zewg tiri; ma nafx hux minn senter wiehed jew minn aktar.

Ghidt liz-ziju li ntlaqatt f'ghajnejja u ma kontx qed nara minn ghajnejja l-leminija. Grima mar hdejn il-konvenut u siehbu ghax it-tiri gew minn dik in-naha. Jien bqajt wahdi. Meta gie lura z-ziju, qalli li kien ammetta l-konvenut li spara, li ma kienx rana, u skuza ruhu."

In kontro-ezami qal:

"Jiena cert li ma kienx hemm kaccaturi hlief il-konvenut u zijuh. Cert li kienu zewg tiri, u komplejt nikkonferma li kien hekk meta mar ikellimhom iz-ziju tieghi. Liz-ziju, il-konvenut qallu li kien hu li spara.

Meta ntlaqatt kelli hajt tas-sejjiegh quddiemi gholi xi hames piedi. Nispjega li jien intlaqatt sideways f'ghajn il-leminija u ghalhekk il-hajt ta' quddiemi ma kellu ebda konness[jon]i mad-direzzjoni tat-tir.

Lill-konvenut u z-ziju ma rajthomx qabel sfajt milqut. Rajthom meta morna hdejhom wara l-isparatura."

"Hu gie ghat-tajra, u cioe` l-konvenut, u biex jara kif sfajt milqut. Hu rrimarka li dik kienet il-mitt tajra li kien laqat.

Id-distanza ta' ghoxrin pied li semmejt meta ghidt li rajt it-tajra hija tal-post fejn waqghet. Meta rajtha l-ewwel darba kienet tittajjar f'distanza ta' hamsin pied boghod minni u gholja tliet piedi mill-wicc tal-hajt.

Meta sfajt milqut, kont qed inhares lejn it-tajra. Meta jien, maz-ziju, mort (wara li ntlaqatt) hdejn il-konvenut u zijuh, il-konvenut ammetta car u tond li kien hu li spara.

DOMANDA: F'dan il-hin kien hemm xi hadd minnhom li ammetta jew tak x'tifhem li inti ntlaqatt bit-tir tiegu?

RISPOSTA: Il-konvenut qal li ma kienx jaf li jien u z-ziju konna hemm. Ma qal xejn aktar dwar dan il-punt."

"It-tajra waslet qrib tieghi b'mod naturali u mhux ghax giet kostretta b'tiri ta' kaccaturi ohra."

"…. Fil-post proprju tal-incident, konna ilna hemm ftit minuti qabel sfajt milqut. F'dawk il-ftit minuti jien ma smajtx tiri ohra hlief dawk it-tnejn li semmejt fix-xiehda tieghi."

"It-tajra waqghet kif intlaqatt jien. Kienet bi dritt mieghi distanza ta' 15-20 pied boghod minni meta smajt l-isparatura."

Martin Grima xehed li fil-hin ta' l-incident sema' tliet tiri ta' senter lagenba min-naha tal-lemin. Hass comb gej lejn in-naha taghhom u xi comb anke laqat lilu bejn imniehru u xofftu. Qabel l-isparatura kien ra lil certu George Borg fid-dura u lill-konvenut ma kienx rah. Wara li hu u l-attur intlaqtu, tela' bicca 'l fuq u ra lill-konvenut u lil certu Charles Grima li t-tnejn kellhom is-senter f'idejhom. Kellem lill-konvenut u saqsieh min kien spara l-ahhar. Il-konvenut wiegeb li kien hu u x-xhud infurmah li kien laqat lilu u lill-attur. Aktar tard fl-istess gurnata l-konvenut mar id-dar tieghu u qallu li mhux hu biss kien spara. Ix-xhud qallu li hu (il-konvenut) kien spara l-ahhar u saqsieh fejn kien waqqa' l-gamiema: "Hu wegibni: 'Fuq il-hajt'. Ahna konna mal-hajt meta ntlaqatna u jien ghidtlu: 'Mhux hemmhekk konna'."

Il-konvenut xehed li dakinhar ta' l-incident hin minnhom iltaqa' maz-ziju tieghu Charles Grima u billi ghaddew zewg gamimiet ghal gol-proprjeta` fejn kienu jinsabu huma ghall-kacca, resqu ljn id-dura fejn iltaqghu ma' George

Borg li qalilhom li kienu ghadhom kemm ghaddew l-attur u Martin Grima u li kienu baqghu nizlin. U kompla hekk:

"Jiena kont naf li l-attur u Martin solitament kellhom post fejn jistennew il-kacca sitwat go passagg taht il-hajt, fin-nizlu qisu 50 pass boghod mid-dura. Jiena mort hemm billi kienet nizlet gamiema u ma rajt lil hadd. Assumejyt ghalhekk li kienu baqghu nizlin. Dan kien xid-9.00 a.m.

Jiena ergajt mort fid-dura. Jiena qghadt go fiha. Mentri George u Charles kienu barra. It-tlieta li ahna konna bis-senter.

Charles qalli li kienu gejjin minn quddiemna dritt ghal hdejna zewg gamimiet. Sadattant jien ma kontx naf jekk quddiemna kienx hemm xi hadd. Smajt forsi tnejn sa tliet tiri: gamiema minnhom biss baqghet gejja lejja. Dawn it-tiri la sparajthom jien u lanqas Charles jew George.

Il-gamiema tajtha tir u waqqajtha fejn hemm indikat bl-ittra Y fuq ir-ritratt Dok. R li qed nesebixxi u li hadt jien stess minn god-dura. Kienet qed ittir 'il fuq mis-sigra. George u Charles ma sparawx.

…. Meta ghadni fid-dura … nara lil Martin gej lejn id-dura u qal: 'Min spara?' Wegibt li kont jien li sparajt u nizzilt il-gamiema. Dan ghidtu ghaliex hsibt li kien spara hu wkoll.

Il-perit legali qieghed jistaqsi jekk meta sparajt jien lejn il-gamiema li waqqajt kienx hemm tiri ohra sparati. Jien naf li kien hemm tiri ohra sparati lejn l-istess gamiema minn persuni li ma nafx min huma. Ma nafx minn fejn gew it-tiri ghalkemm gew mill-vicin.

Sakemm baqghet gejja l-gamiema wara li ntilfet l-ohra, baqghu gejjin it-tiri. Kienu diversi t-tiri. Jien sparajt u waqghet mat-tiri tieghi."

"Nippreciza li t-tajra ghalkemm kienet diretta lejja kienet gejja min-naha tal-lemin tieghi.

Il-gamiema li waqqajt kienet xi hdax-il filata aktar gholja mis-sigar."

"Qatt ma accettajt tort ghall-incident".

Carmelo Grima, iz-ziju tal-konvenut, qal dwar l-incident li meta l-konvenut spara jaf li sema' xi tiri ohra u ra l-gamiema taqa' Il-gamiema giet mill-faccata tikka zghira lejn ix-xellug. Sostna li l-konvenut ipponta s-senter u spara gholi ta' xi ghoxrin pass 'il fuq lejn ix-xellug. Il-konvenut mar ghall-gamiema u ma sabhiex u hu mar hdejh. Kif wasal hdejn il-konvenut, hareg l-attur minn warajhom u qallhom li kienu laqtuh. In kontro-ezami qal li meta hu, il-konvenut u george Borg kienu fid-dura u giet il-gamiema ma rax persuni ohra ghalkemm sema' t-tiri. La hu u lanqas George Borg ma sparaw.

George Borg xehed li qabel ma gew fejnu l-konvenut u zijuh Carmelo Grima, kien ra lill-attur u zijuh Martin grima u jaf li sparaw izda ma jafx fuqhiex. Meta aktar tard il-konvenut kien fid-dura, sema' aktar minn tir wiehed u telghet il-gamiema. Il-konvenut taha tir. Spara gholi ta' 20 pass 'il fuq lejn il-punent/majjistral jekk jassumi li l-attur kien lejn it-tramuntana. Dan qalu ghaliex lejn dik id-direzzjoni rahom sejrin qabel it-tiri li sema' qabel ra l-gamiema. Wara li l-konvenut spara, mar ifittex il-gamiema u hu u Carmelo Grima marru mieghu. Sabu l-gamiema u wara xi kwarta gew l-attur u Martin Grima u l-attur qal lill-konvenut li kien laqtu. Il-gamiema kienet qasmet min-nofs bejn fejn kienu l-attur u Martin Grima u fejn kien ix-xhud mal-konvenut u Carmelo Grima. Qal li bejn l-ewwel tiri u t-tir tal-konvenut ghaddiet xi nofs minuta. Il-konvenut qal lill-attur kif seta' jkun li laqtu billi kien spara f'direzzjoni differenti. Qabel l-incident kien ra lil certu Gamri, persuna anzjana, fid-dura tieghu fuq il-lvant tad-dura tal-konvenut. In kontro-ezami qal li l-ewwel tiri gew mit-tramuntana u li wara li ra lill-attur u lil Martin Grima sejrin lejn it-tramuntana ma jafx fejn marru wara. Bejn meta ra lill-attur u lil Martin Grima l-ewwel darba u sema' t-tiri, ghaddiet xi kwarta jew naqra anqas.

Fil-konsiderazzjonijiet tieghu dwar il-kwistjoni ta' responsabbilta` l-perit legali jghid hekk:

"47. Kien accertat li mill-hames persuni li dwarhom hemm prova li kienu fil-lokalita' fil-hin tal-incident (u cioe' l-attur, Martin Grima, il-konvenut, Carmelo Grima u George Borg) l-uniku minnhom li spara kien il-konvenut.

48. Dak li l-esponent ikkonstata fuq il-post tal-incident jindirizza bil-preciz kwistjoni li sal-gurnata tal-access ma kenitx ghadha stabbilita bi kjarezza u cioe' fejn kien l-attur meta safa' milqut, fejn kien il-konvenut, id-distanza ta' bejniethom u l-vista biex wiehed jara lill-iehor. Fuq il-post l-esponent sab is-segwenti twegibiet:-

- Il-post fejn safa' milqut l-attur kien hdejn il-hajt tas-sejjiegh gholi xi tliet piedi u jasal sa nofs it-tul tal-attur.
- Mid-dura fejn il-konvenut ighid li kien jinsab sa dan il-hajt, hemm dislivell fit-terren b'mod li l-hajt jigi aktar fil-baxx.
- Hemm distanza ta' cirka 50 metru, mhux aktar, f'linja dritta mill-hajt sad-dura.
- Jekk, kif qal il-konvenut, hu kien fid-dura, u jekk, kif qal l-attur, hu kien fil-pozizzjoni li indika, ma hemm ebda dubju, li l-attur kien jidher fejn kien mid-dura, galadarba ma nbidilx hlief ghall-pozizzjoni tad-dura.

49. L-attur kien fil-*plain view* tal-konvenut u jekk dan ma rax lill-attur qabel spara jfisser li ma kienx qed izomm *a proper lookout* tant essenzjali waqt il-kacca meta huwa pacifiku li uzu hazin ta' senter iwassal ghal disgrazzji bhal ma gara fil-kaz in esami.

50. Il-konvenut ammetta li spara pero' cahad li laqat lill-attur. Skond l-attur hadd hlief il-konvenut ma seta' laqtu: qabel xejn ghaliex huwa safa' milqut kif waqghet il-gamiema u hadd ghajr il-konvenut ma mar jigbor dik it-tajra, kien il-konvenut li mexa lejn id-direzzjoni taghhom u mill-imgieba tal-konvenut wara l-akkadut kienet tidher cara l-impronta tal-htija tieghu.

51. Irrizulta li l-attur safa' milqut mill-genb f'ghajnu l-leminija mic-comb tal-ewwel tir ta' senter. Il-hajt li hdejh kien l-attur ma kienx gholi bizzejjed biex ighatti l-persuna kollha tieghu. Irrizulta nfatti li dan kien jasal sa nofs it-tul tieghu. It-tiri lejn il-gamiema certament segwew id-direzzjoni li hadet u mill-provi hareg li t-tajra ghaddiet minn fuq il-hajt u kienet gejja mid-direzzjoni tal-lemin ta' fejn kien jinsab l-attur.

52. Il-protagonisti ta' din il-vicenda kollha kkonfermaw li matul dik l-ghodwa ma kenitx ghadha dehret kacca. Ghalhekk wiehed jifhem li kif deher il-gamiem kien hemm herqa biex kif dan jintlemah jinghata t-tir. Ghandu pero' jinghad li dan iz-zelu ma jista' qatt ikun a skapitu tas-sigurta' u ghalhekk min spara kellu jaccerta ruhu li ma kienx hemm persuni ohra fil-*line of fire.*

53. Kien konfermat li t-tiri kienu sparati mid-direzzjoni fejn kien il-konvenut u huwa fatt stabbilit li l-konvenut biss spara mit-tliet persuni nkluzi Carmelo Grima u George Borg li kienu fil-prossimita' tal-konvenut. Mhux kontestat li Martin Grima avvicina lill-konvenut ghax it-tiri gew mnejn kien jinsab hu.

54. Ghalkemm ghad-differenza tal-attur, Martin Grima xehed li kienu sparati tliet tiri li wiehed minnhom laqat lill-attur, l-istqarrija tieghu hija attendibbli u fis-sustanza tikkorrabora dak li xehed l-attur. It-tiri gew mill-lemin u ntlaqat l-attur l-ewwel ghax dan kien propju fuq il-lemin tieghu. Inoltre dan ix-xhud mhux kontradett mill-konvenut meta jghid li l-gamiema li spara lejha l-konvenut kienet fuq il-hajt. Dak l-istess hajt fejn kienu l-attur u l-istess Grima

55. Facli ghall-konvenut jipprova jaddebita lil haddiehor t-tir li laqat lill-konvenut ghad li ammetta li anke hu kien spara. Pero' huwa tentattiv fjakk. Tenut kont li f'dawk l-oqsma kulhadd jaf lill-iehor, jekk tassew kien haddiehor li jispara, il-konvenut kien jindikah mhux jinheba wara l-anonimat. Il-konvenut ma kellu qatt jassumi li l-attur u zijuh baqghu sejrin lejn treqithom qabel spara. Kellu jghasses tajjeb qabel jiddeciedi li jispara u mhux jiehu riskju zejjed bla kalis-suspett koli ta' xejn ghad li kien jaf li

ra gamiema fil-prossimita' ta' fejn kien il-post fejn l-attur u z-ziju tieghu kienu jistennew il-kacca. Il-konvenut isostni li l-gamiema waqghet bit-tir tieghu u giet min-naha tal-lemin tieghu. Jekk taret mill-lemin lejn ix-xellug, il-konvenut bilfors ha l-mira meta din taret lejn distanza fuq il-hajt fil-prossimita' ta' fejn kien l-attur li safa' milqut mit-tir sparat mill-konvenut – mhux il-frott ta' koincidenza izda r-rizultat ta' process ta' probabilita'.

56. Carmelo Grima u George Borg ghamlu tentattiv biex jahbu l-imprudenza tal-konvenut aktar mill-konvenut innifsu. Grima jipprova jdahhal is-suspett li kien hemm intervall ta' zmien bejn il-korriment tal-attur u t-tiri tal-konvenut mentri mix-xhieda tal-konvenut hemm element qawwi ta' kontemporanjeta' bejn it-tir sparat mill-konvenut, it-twaqqiegh tal-gamiema u l-feriment tal-attur. Irrizulta li l-gamiema giet mill-lemin. Grima jghid li l-konvenut spara lejn ix-xellug propju ghaliex taret lejn dik id-direzzjoni. Grima pero' nesa li fejn taret il-gamiema kien hemm l-attur u z-ziju tieghu li ghalihom ma kienux ghadhom fl-inhawi ghaliex skond il-konvenut stess assuma li baqghu sejrin.

57. Anke x-xhieda ta' George Borg tipprova tintroduci element ta' ncertezza dwar id-direzzjoni fejn spara l-konvenut. Cio' nonostante ghalkemm skond dan Borg il-konvenut spara gholi ta' ghoxrin pass `il fuq lejn il-punent/majjistral, dan id-dettall mhux in konflitt mat-titjira tal-gamiema. Jekk skond Borg il-gamiema tassew qasmet minn nofs bejn fejn kien l-attur u fejn kienu huma, kien prudenti ghall-konvenut li jispara meta l-attur kien potenzjalment fil-*line of fire* tal-konvenut?

58. L-esponent isostni li l-imgieba tal-konvenut wara l-incident ma tikkonfortax ic-cahda tieghu ta' kull addebitu fl-akkadut. Mhux daqstant il-fatt li mar jara lill-attur l-isptar, izda l-aktar it-trattativi fuq il-quantum tal-kumpens pretiz mill-attur. Il-konvenut jikkonferma li ghalkemm ma kienx hu li laqat lill-attur kien accetta li jhallsu Lm3000, skond il-konvenut, biex jehles mill-attur. L-iskuza tal-konvenut ghal din l-imgieba kien il-fatt li l-konvenut ried jizzewweg u ried isiefer u ghalhekk beza' li l-attur seta' jzommu milli jsiefer. Ghalhekk bil-paroli accetta ghad li

ma sar xejn bil-kitba. Hija pero' skuza li ma zzommx il-piz tal-argument. Ma hemmx prova li l-attur imminaccja dak li minnu kien qed jibza' l-konvenut: la qabel u lanqas wara z-zwieg! Kien hemm biss trattativi, iva pressanti mill-attur, pero' dejjem mal-persuna li mill-bidu nett tal-kwistjoni kien identifika bhala dak li kien spara u laqtu. Almenu f'dan il-kuntest l-attur kien konsistenti u bil-komportament tieghu l-konvenut tah x'jifhem li l-kwistjoni kienet biss ta' quantum mhux ta' responsabilita'.

59. **<u>Fuq bilanc ta' probabilitajiet, l-esponent isostni li l-prova tal-htija unika tal-konvenut ghall-korriment tal-attur saret b'mod sodisfacjenti</u>**".

Fin-nota tieghu l-konvenut jikkritika din il-konkluzjoni tal-perit legali.

Ighid li mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta li kien hemm kaccaturi ohra fil-vicinanzi. Dato non concesso li kien hemm kaccaturi ohra, m'hemm l-ebda prova li tindika li l-attur u Martin Grima kienu fil-*line of fire* taghhom.

Ighid li, kuntrarjament ghal dak li sostna l-perit legali, l-attur u zijuh ma setghux kienu fil-post fejn allegatament kienu meta ntlaqtu. Difatti jistaqsi ghaliex, stante li suppost kienu tant vicini, ma sparawx huma wkoll ghall-gamiema. Ir-risposta tinsab fil-brani kwotati mill-konvenut stess fejn l-attur qal li ma sparawx peress li l-gamiema kienet boghod u li l-ewwel darba li raha kienet f'distanza ta' hamsin pied u gholi ta' tliet piedi mill-wicc tal-hajt. Mhuwiex il-kaz li naghmlu ezami ta' kemm jimmira tajjeb l-attur!

Dwar is-sottomissjonijiet l-ohra li ghamel il-konvenut, ftit hemm x'jinghad peress li l-Qorti taqbel ma' l-osservazzjonijiet li ghamel il-perit legali. L-unika osservazzjoni li trid taghmel il-Qorti hi li meta jigi sparat tir minn senter, ic-comb li jkun hemm fl-iskartocc jibda jinfirex forma ta' lembut hekk kif johrog mill-kanna bid-djametru dejjem jikber aktar ma tikber id-distanza. M'hemm xejn x'jikkontrolla t-trajjettorja ta' dak ic-comb sakemm ikun ghad hemm il-forza tal-propulsjoni fuqu hlief jekk jiltaqa'

ma' xi ostakolu li, f'dan il-kaz, ma kinitx biss gamiema izda wkoll l-attur li safa milqut b'xi comb. Il-fatt biss li l-gamiema waqghet ftit piedi biss boghod minnu jaghti ragun lill-perit legali li jikkonkludi li fuq bilanc ta' probabilita` kienet l-istess sparatura li waqqghet il-gamiema li kienet il-htija tal-feriti minnu riskontrati, u ghalhekk tar-responsabilita` tal-konvenut ghall-akkadut. Konsegwentement il-Qorti se tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni.

Id-danni pretizi mill-attur huma kemm dawk li jirrigwardaw id-*damnum emergens* kif ukoll il-*lucrum cessans*.

Fir-rigward tad-*damnum emergens* il-perit legali jghid hekk:

"**<u>Telf ta' Xoghol</u>**

60. Fl-Isptar San Luqa, l-attur kien operat mill-oftalmologu Ivan Vella.  Dam l-isptar sbatax-il gurnata.  Peress li l-isptar ma kellhomx apparat biex johorgu c-comba minn ghajnejh, il-Gvern baghat lill-attur Moorefields Hospital gewwa Londra.  Dan kien fl-1990.  Hemm dam tliet gimghat.  Kien akkumpanjat minn ommu  mill-gharusa tieghu.

61. L-attur xehed illi huwa self employed bit-trakkijiet.  Xi tliet xhur wara li rritorna Malta mill-Ingilterra, rega’ mar l-Ingilterra ghat-tieni operazzjoni u dam hemm hmistax-il gurnata.  Kien akkumpanjat minn ommu.

62. L-attur xehed li hu jahdem ghal rasu b’ingenji tat-thammil.  Dam ma jahdimx minhabba l-korriment mit-18 ta’ Mejju 1990 sa Novembru 1990.  Tul dan il-perjodu huwa kellu xoghol pendenti mal-Gvern, ghalhekk inkariga lil missieru  Salvatore  Xuereb biex jahdem ix-xoghol hu minfloku. Lil missieru hallsu Lm10 kuljum.  Ricevuta tal-hlas ma saritx. Il-figura ta’ Lm10 kien il-qliegh tal-attur kuljum.  Missier l-attur Salvatore Xuereb ikkonferma li thallas din il-figura kuljum minghand ibnu.

63. Qed jirrizulta li l-attur dam ma jahdem madwar sitt xhur u nofs sakemm ha l-kura fl-isptar San Luqa u fl-Ingilterra u sakemm irpilja. Qed jirrizulta wkoll li l-attur kien ihallas lil missieru madwar Lm70 fil-gimgha sabiex dan ikompli l-appalti li l-attur kellu qabel l-incident. Il-hlas r-rata gornaljera kien konfermat minn missier l-attur. Fl-assenza totali ta' dokumenti fis-sens ta' rcevuti, ta' prova tan-natura tal-appalti u tal-modalita' tal-hlas, u ta' konferma f'accertamenti fiskali, il-prudenza hija d'obbligo. Ghalhekk waqt li jaccetta li l-attur garrab telf l-esponent qed jikkwantifika dan it-telf *arbitrio boni viri* fl-ammont globali ta' **<u>Lm1000.</u>**

64. L-ispejjes konnessi mal-kura tal-attur fl-Ingilterra hallashom Salvatore Xuereb missier l-attur bl-intiza li l-attur iroddhomlu.

65. L-attur inkorra l-ispejjes tal-passagg bl-ajru tal-gharusa u ta' ommu meta mar ghall-kura l-Ingilterra l-ewwel darba. Nefaq Lm100 cirka ghal kull wahda. Kienu alloggjati fil-Melita House Hotel u ghand is-Sorijiet Frangiskani (Dok. MX3 sa MX5). Ommu u l-gharusa nefqu LM40 kuljum ghall-ikel. Wara li hareg mill-isptar fit-23 ta' Gunju, 1990 marru jabitaw xi gimgha ohra ghand hbieb taghhom Inglizi. Il-Gvern hallas tal-kura fl-isptar waqt li hu hallas tal-passagg bl-ajru.

66. L-attur kompla jixhed li f'Ottubru 1990 rega' mar l-Ingilterra ghal operazzjoni ohra fejn kien akkumpanjat minn ommu. Il-Gvern hallas tal-kura waqt li huma hallsu ghall-passagg tal-ajru. Kienu alloggjati ghand is-sorijiet Frangiskani. Ommu biss hallset tal-allogg u l-ikel. Damu hemm hmistax-il gurnata.

67. Anke f'dan ir-rigward dokumenti in sostenn huma ftit li xejn. Kienu esebiti tliet ricevuti bhala prova ta' hlas ta' allogg ghal total ta' STG704 ekwivalenti ghal Lm440 relattivi ghall-perjodu tal-ewwel zjara tal-attur fl-Ingilterra. Ghal materji ohra bhal spejjes ta' ikel, ta' passaggi tal-ajru u spejjes relatatati mat-tieni zjara tal-attur fl-Ingilterra ma gew prodotti ebda dokumenti in sostenn. Ghalhekk anke f'dan il-kuntest l-esponent qed jistma dawn l-ispejjes *adrbitrio boni viri* fl-ammont totali ta' **Lm1200.**

68. L-attur hallas Lm20 lill-Ispecjalista Ivan Vella ghall-erba’ visti li fihom esaminah u nefaq Lm10 f’medicini – total ta’ **Lm30**

**Damnum emergens totali: Lm2230**"

In kwantu l-likwidazzjoni tad-danni ghat-telf ta' xoghol u ghall-kura fl-Ingilterra l-Qorti hi tal-fehma li l-perit legali kien prudenti fl-ammonti li effettivament illikwida u ghalhekk qed jigu kkonfermati.

Dwar il-*lucrum cessans* il-perit legali jghid hekk:

"69. L-attur ma ressaqx provi dwar id-dhul tieghu mis-sengha jew professjoni fiz-zmien tal-incident u wara. Fl-assenza ta’ din il-prova hekk importanti, l-esponent se jadotta l-kriterju tal-paga minima attwali biex tkun il-*basis* ghall-*multiplier.* Skond Avviz Legali 266 tas-sena 2000 li gie fis-sehh fl- l ta’ Jannar 2001, il-paga minima nazzjonali ghal persuni ta’ `l fuq minn 18–il sena hija Lm49.88c fil-gimgha u cioe’ **Lm2593.76c** fis-sena.

70. Fil-kaz tal-attur il-multiplier applikabbli ghandu jkun dak ta’ **30** sena.

71. L-espert mediku stabilixxa d-debilita’ permanenti tal-attur fil-persentagg ta’ **15%.**

72. Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, u fl-isfond tal-gurisprudenza l-aktar ricenti, ghandu jkun hemm riduzzjoni ta’ **10%** u cioe’ riduzzjoni ta’ 2% minn total ta’ 20% ghal kull sena b’effett minn erba’ snin wara d-data tal-presentata tac-citazzjoni.

73. Ghalhekk il-lucrum cessans tal-attur jammonta ghal Lm10,504.73c u cioe’ Lm2593.76c x 30 sena x 15% x 90%, arrotondati ghal **Lm10,505.**

74. B’hekk id-danni tal-attur qed jigu likwidati fl-ammont totali ta’ **Lm12,735** kwantu ghal Lm2230 bhala *damnum*

*emergens* u kwantu ghal LM10,505 bhala *lucrum cessans*".

In kwantu l-persentagg ta' dizabilita` l-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex ma taccettax il-persentagg stabilit mill-espert oftalmologu nominat minnha stess. Dwar il-*multiplier*, in vista tac-*chances and changes* tal-hajja tikkunsidra hamsa u ghoxrin sena bhala aktar gust izda mhijiex se tvarja bhala bazi l-figura ta' Lm2593.76 adoperata mill-perit legali. Kwantu ghar-riduzzjoni ghal *lump sum payment*, l-incident gara fl-1990 u ghalhekk ma hu se jsir l-ebda tnaqqis. Ara l-insenjament fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Lawrence Caruana vs Anthony Falzon**.

Il-*lucrum cessans* b'hekk irid jinhadem kif gej:

Lm2593.76 x 25 sena x 15% dizabilita` = Lm9726.60

Id-danni totali li ghandhom jithallsu lill-attur b'hekk jammontaw ghal:

Lm2230 + Lm9726.60 = Lm11,956.60.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-hsarat kagunati fl-incident tat-12 ta' Mejju 1990 f'Gnien Borg f'San Martin limiti ta' San Pawl il-Bahar meta l-attur intlaqat minn tir t'arma tan-nar f'ghajnejh u b'hekk sofra dizabilita` permanenti,
(2) tillikwida d-danni li l-attur sofra b'konsegwenza ta' dan l-incident fl-ammont ta' Lm11,956.60, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' Lm11,956.60 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------